

# Il-Kappella tal-Madonna tas-Silġ

☐ Il-Knisja tas-Silġ, li tinsab fuq ir-riħ ta' Marsaxlokk u li issa jagħmlu minnha l-Patrijiet Karmelitani Skalzi, ġiet mibnija fl-1833 flok dik li kien hemm mibnija għall-ħabta tal-1650 kien bena Gio Franġisku Gauci.

Din il-knisja kienet l-aktar użata mill-gabillotti u s-sajjieda ta' dawk l-inħawi. Hija nbniet kif inhi llum mill-Markiża Angiolina Muscat Cassia Dorell fuq il-pjanta ta' Franġisku Fabri mill-Birgu. Fl-atti tan-Nutar Massimiliano Troisi Murville tal-25 ta' Settembru, 1834, il-Marliża fit-testment tagħha ħalliet xi piżijiet u drittijiet lil dak is-saċerdot li jkun jixtieq jieħu taħt idejh din il-knisja bil-Palazz li hemm magħha u xi artijiet ukoll.

Maż-żmien tħajru li jieħduhom f'idejhom il-patrijiet Karmelitani Skalzi u fil-21 ta' Marzu 1927 talbu lis-superjuri tagħhom il-permess li jaċċettaw din il-proposta minbarra s-setgħa li jaċċettaw dak kollu li tablet it-testatriċi. Wara ħafna rikorsi u talb, fit-22 ta'April 1933 sar il-kuntratt li bih din il-knisja u l-palazz, il-ġnien u ambjenti oħra, għaddew f'idejn dawn il-Patrijiet.

Fuq il-kuntratt, li sar għand in-Nutar Carmelo Farrugia, dehru n-Nobbli Carmela, l-armla tan-Nobbli Ignazio de Marechesi Testaferrata Bonici, u min-naħa tal-kommunità Karmelitana deher il-Vigarju Provinċjal tas-semi-Provinċja ta' Malta, Patri Eugenio u Patri Franco Calleja Gera. Fis-6 ta' Awissu 1933, il-Patrijiet daħlu fil-lokal u hemm bdew fondazzjoni ġdida msejħa l-"Fondazzjoni tas-Silġ".

Fit-8 ta' April 1934 tbierku tliet qniepen ġodda minn Patri Redent tas-Salib maħdumin mid-ditta Pasquale Marinelli e Figlio ta' San Albert. Malli daħlu fil-lokal, il-Patrijiet għamlu bħala kunvent dan il-palazz, u t-Tlieta 13 ta' Novembru 1934 għamlu haw nil-kulleġġ għall-patrijet Aspiranti.

Fit-28 ta' Marzu 1937 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-kunvent il-ġdid mill-Viċi Provinċjal, Patri Bennard, quddiem għadd ta' nies, fosthom id-dixxendenti tad-donatriċi, il-Markiż Lorenzo dei Marchesi Testaferrata u l-Markiza Elena. Il-Perit kien Andrea Micallef ta' Ħal Luqa.

Fit-2 ta' Ottubru 1939 dan il-kunvent kien lest u nfetaħ. Issa kienet bidet il-gwerra u l-Patrijiet, bil-liġi ta' l-Emerġenza, kellhom iċedu dan il-kunvent lill-Kmandant ta' l-Inġienir. Iżda fl-1 ta' Ġunju 1943 il-Militar okkupa wkoll il-parti l-ġdida tal-kunvent. Fl-20 ta' Novembru ta' l-istess sena, il-militar telaq minn dan il-kunvent u tmint ijiem wara l-Patrijiet bierku l-lok mill-ġdid u reġgħu fetħuh.

Il-Kappella hija żgħira b'koppla f'nofsha u għandha artal wieħed. Jingħad li l-kappella li kien hemm qabel ġiet meqruda bin-nar. Il-Kwadru ewlieni sar meta nbniet il-knisja l-ġdida. Fil-Kappella nsibu vara tassew sabiħa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet ġiet regalata mill-knisja tat-Tereżjani ta' Bormla fl-1935 u ġiet maħduma f'Genova.

Insibu wkoll statwa oħra ta' Santa Tereża.